MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2011

Appell Civili Numru. 967/2009/1

**Avviz Numru: 967/2009/MK**

**Angelico Bilocca (556978M)**

**vs**

**Joseph Mary Cardona (207668M)**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fit-28 ta’ Jannar 2011 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***“It-Tribunal,***

*Wara li ra t-talba attrici ghal kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ elf u mitejn ewro (€1,200) rapprezentanti bilanc minn somma akbar rapprezentanti*

*prezz ta' hamsin (50) majjal ta' m'ommhom mibjugha lilu u accettati mill-intimat u lilu konsenjati.*

*Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-kuntratt ta' bejgh sad-data tal-pagament effettiv.*

*Ra r-risposta tal-konvenut fejn qal illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dana billi l-konvenut m'ghandu jaghti xejn lill-attur.*

*Illi sta ghall-attur li jipprova xi ftehim mal-konvenut.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi bil-ligi.*

*Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.*

*Sema' u ra x-xhieda ta' Angelico Bilocca, Joseph Zammit, Anthony Buhagiar u Joseph Mary Cardona.*

*Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.*

***Ikkunsidra:***

*Illi mill-provi attrici jirrizulta li l-attur jahdem bhala bidwi kif ukoll jrabbi l-majjali. L-attur kien iqies lill-konvenut bhala habib tieghu u kienu jafu lil xulxin tul hafna snin. Qal li fl-24 ta' Jannar, 2008, bil-permess mahrug mid-Divizjoni tal-Ikel u Attivita' Veterinarja, kien biegh ghall-ewwel darba hamsin (50) majjal lill-konvenut bil-prezz ta' Lm25 ta' dak iz-zmien (llum €58.23) ghall kull majjal li kellhom jinqatlu sa Mejju 2008. Illi kull wiehed minn dawn il-majjali kienu jiznu hamsa u ghoxrin kilo. Il-bejgh tal-majjali sar izda skont l-attur, il-konvenut kien hallsu biss ta' nofshom u cioe' ta' hamsa u ghoxrin (25) majjal. Illi l-attur kien fadal jaghtih l-ammont fit-talba ghan-nofs l-iehor wara li tnaqssu xi ammonti ohra li kien hallsu sussegwentement. L-attur qal wkoll illi l-konvenut ma kienx hallsu ghan-nofs l-iehor ghaliex kienu mietulu. Il-bejgh kien sar ghal elfejn u tmien mitt ewro (€2,800) ghal hamsin majjal u l-attur kien irceva biss elf u erba' mitt ewro (€1,400), izda it-talba hija ghal elf u mitejn ewro (€1,200).*

*It-Tribunal sema' kif is-sistema tat-trobbija tal-majjali u tal-bejgh taghhom hija regolata mill-Koperattiva ta' min Irabbi l-Majjali (K.I.M.). Illi l-President tal-K.I.M. spjega kif jezistu zewg sistemi b'zewg processi. Wiehed huwa ghat-trobbija mill-bidu sal-process tal-qatla bil-kwota, u l-permess l-iehor fejn ma hemmx kwota izda jkollu l-permess tas-simna, li jfisser li l-majjali jinxtraw minn dik il-persuna li ghandha l-permess li tkabbarhom sal-qatla. Illi rrizulta minghajr kontestazzjoni li l-attur kien biegh bis-sistema tal-kwota. Illi l-prassi hija li sabiex il-konvenut ikun jista' joqtol il-majjali li kien xtara minghand il-konvenut, dawn kellhom jinqatghu mill-kwota ta' Bilocca. Il-President tal-K.I.M. kien jaf li Bilocca kellu kwota ta' tmienja u hamsin (58) hanzir kull xahar. Qal illi meta fl-24 ta' Jannar tal-2008, kien sar it-trasferiment, il-konvenut kien intrabat b'certu zmien sabiex joqtolhom u dawn kellhom jinqatlu mill-konvenut sa Mejju 2008. Illi ghalkemm it-trasferiment isir il-biccerija u ghaldaqstant ma kienx sar quddiem ix-xhud u cioe' il-President tal-K.I.M., huwa qal illi mill-biccerija jintbaghat dokument fejn l-istess trasferiment jigi registrat. Qal illi l-partijiet kienu ftehmu bejniethom u quddiemu, li l-hamsa u ghoxrin majjal (25), mejta, kellhom jigu kreditati fuq il-kwota ta' Bilocca (u cioe' l-attur). Qal ukoll illi rigward il-kwota, sal-4 ta' Awwissu 2008, il-konvenut kien ghadda lill-attur hamsa u ghoxrin (25) majjal biss. Ghalhekk gew registrati 25 majjal trasferiti ghal-qatla u 25 majjali ohra li gew registrati bhala mejta u ghalhekk finalment il-bilanc tal-kwota ta' Bilocca gie kreditat b'dak in-numru. In sintesi, f'Mejju 2008, saret il-qatla ta' hamsa u ghoxin (25) majjal biss u f'Awwissu 2008 tnizzel kreditu ta' 25 majjal fuq il-bilanc tal-kwota tal-attur ghaliex hamsa u ghoxrin (25) l-ohra kienu mietu. Il-President tal-K.I.M. qal ukoll illi quddiemu l-partijiet kienu ftehmu li kienu nqatlu hamsa u ghoxrin (25) majjal u hamsa u ghoxrin (25) majjal iehor li kienu mietu gew kreditati fuq il-bilanc tal-kwota tal-attur. Qal ukoll illi quddiemu l-attur qatt ma talab lill-konvenut xi flus. Intqal ukoll mill-istess xhud li l-ftehim dwar il-kwota kien sar quddiemu u kienet giet ippreparat bicca karta fejn tidher biss il-firma tal-konvenut u tal-President u sussegwentement din il-kwota giet registrata fid-*

*dokumenti tal-K.I.M.. Illi l-firma tal-attur ma kinetx fuq dan l-istess dokument izda spjega li l-attur kien prezenti.*

*Mill-provi tal-konvenut jirrizulta li huwa rahhal u kkonferma l-hbiberija antika bejn il-partijiet. Intqal mill-konvenut illi l-attur kellu bzonn jissellef Lm1,000 ta' dak iz-zmien izda ma riedx isellfu l-flus u minflok accetta li jixtri hamsa u ghoxrin (25) majjal minghand il-konvenut li huwa kien ghazel u li kien xtara bil-prezz ta' Lm24 (illum €56) ta' dak iz-zmien ghal kull majjal. Izda ra li meta l-attur mar jirregistra l-bejgh tal-majjali kien nizzel li kien qed ibieghlu hamsin (50) majjal u mhux hamsa u ghoxrin (25) majjal kif kienu ftehmu. Illi dak iz-zmien ma kienx ta' kaz x'kien ghamel il-konvenut ghaliex kien jaf li peress li s-sistema kienet bil-kwota huwa xorta wahda kien f'posizzjoni li juza tali kwota u jixtri l-hamsa u ghoxrin (25) majjal rimanenti bl-istess prezz. Izda meta mar fir-razzett tal-attur intebah illi hamsa u ghoxrin (25) majjali l-ohra ma kienux f'kudizzjoni tajba. Huwa kien gibed l-attenzjoni tal-attur dwar il-kundizzjoni tal-hamsa u ghoxrin (25) majjal u ftehmu li ghal kull wiehed li jmutlu huwa kien ha jhallsu lura taghhom. Ftehmu ukoll illi fil-kaz ta' mwiet ta' majjali l-attur kellu jhallsu ukoll l-ispiza tal-gwiez li kull majjal mejjet ikun kiel. Qal ukoll illi meta l-attur mar ir-razzett tal-konvenut huwa kien hatt hamsin (50) majjal u l-konvenut kien hallsu elfejn disa' mija u hdax-il ewro (€2,911) skont 'CashSale/Invoice' mmarkata 'DOK JC1' mahruga mill-konvenut u datata 24 ta' Jannar 2008. F'dan id-dokument gie dikjarat mill-konvenut li huwa kien hallas lill-attur is-somma ta' €2,911 ghal hamsin (50) hanzir. Qal illi l-attur baqa' ma hallsux ghal dawk il-hamsa u ghoxin (25) hanzir li kienu mietulu izda baqa' bit-tama li jhallsu xi darba. Qal ukoll illi ghalkemm kienu ghaddew xhur u baqa' ma thallasx, l-attur kien accertah li kien ha jhallsu. Dak inhar l-attur kien talbu wkoll illi peress li dik il-parti tal-kwota tal-hniezer mejta ma kinetx giet utilizzata mill-konvenut staqsih jekk kienx jaccetta li dik il-parti tal-kwota tinqaleb lura ghandu sabiex ikun jista' jiggenera xi flus. Il-konvenut, b'sens ta' lejalta' ghal hbiberija ta' bejniethom accetta u marru ghand il-K.I.M. sabiex il-kwota ta' dawk il-hamsa u ghoxrin (25) majjal li kienu mietu terga' tinqaleb lura fuq il-konvenut.*

*Illi jirrizulta li l-bejgh verament kien sar fis-somma ta' Lm24 ta' dak iz-zmien, (circa €56) ghall kull majjal u li b'kollox hamsin majjali kien ha jigu jiswew lill-konvenut is-somma ta' elf u mitejn Liri Maltin (Lm1,200), ta' dak iz-zmien, u cioe' circa elfejn seba' mija u hamsa u sebghin ewro (€2,795). L-attur stqarr illi huwa kien irceva biss elf u erba' mitt ewro (€1,400) mill-konvenut u kien ghad fadallu jiehu l-ammont fit-talba.*

*It-Tribunal ra li l-konvenut iffirma li sar hlas ta' elfejn disa' mija u hdax-il ewro (€2,911) izda ma rax firma tal-attur ghaliex il-konvenut qal li l-attur ma kienx jaf jikteb. Illi t-Tribunal jirrileva li f'Jannar 2008 Malta kienet ghadha kif dahlet fil-Euro Zone u ra li l-ammont li kien tnizzel fil-Cash Sale/Invoice datata 24/01/2008 kien biss b'ewro u mhux Liri Maltin. It-Tribunal jirrilleva wkoll li ghalkemm il-konvenut*
*kien qal li kien xtara l-majjali bil-Lm24 ghal kull majjal, il-prezz li kellu jidher kellu jkun ta' €2,795 u mhux ta' €2,911 kif tnizzel. It-Tribunal matul ix-xhieda kollha tal-partijiet ra li l-partijiet tkellmu b'Liri Maltin, ghaldaqstant it-Tribunal m'huwiex daqstant konvint mill-awtenticita' ta' Dok JC1, a fol. 44, li jindika biss id-denominazzjoni fl-Ewro u li l-konvenut kien hallas s-somma ta' €2,911 lill-attur meta fil-fatt semmaj huwa kien qal, dejjem skont l-istess affidavit tieghu li kien xtara l-majjali bil-prezz ta' Lm24 ghall kull hanzir. Il-konverzjoni ta' erbgha u ghoxrin liri Maltin (Lm24) ta' dik iz-zmien, f'ewro ghandu jirrizulta l-ammont ta' sitta u hamsin ewro (€56) ghal kull hanzir u mhux tmienja u hamsin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23) ghal kull hanzir. Differenza ta' zewg ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€2.23) ghal kull hanzir.*

*It-Tribunal ghandu quddiemu kaz fejn min-naha wahda l-attur qieghed jitlob is-somma ta' €1,200 ghal 25 hanzir li kien biegh lill-konvenut u li ma thallasx taghhom u min-naha l-ohra l-konvenut sostna li kien hallas lill-attur is-somma ta' €2,911 ghal hamsin hanzir bl-Lm24 ta' dak iz-zmien ghal kull majjal u li kienu mietu 25 minnhom. Illi b'kalkolu semplici li ghamel it-Tribunal hamsin majjal bil-€56 jirrizultaw fl-ammont ta' €2,795 u mhux €2,911 kif*

*intqal mill-konvenut. Illi jirrrizulta lit-Tribunal illi l-kalkoli tal-partijiet ma jaqblux. Illi jekk huwa minnu li x-xiri kien sar bl-Lm24 (€56) ghall kull majjal is-somma totali kellha tkun €2,800 ghal hamsin majjal. Illi minnhom l-attur qal li thallas €1,400 u kien ghad irid jiehu €1,400 ghall-majjali li kienu mietu u mhux s-somma fit-talba. It-Tribunal ra ukoll illi l-konvenut ma ntavolax kontro-talba ghall-25 hanzir li kienu mietu u ghall-gwiez li kien temaghhom, izda minflok ghazel li jipprezenta ittra ufficjali fil-mori tal-kawza, fil-21 ta' Gunju 2010, fis-somma ta' elfejn mitejn u sebgha u erbghin ewro (€2,247) rapprezentanti rifuzjoni ta' prezz ta' 25 hanzir u l-gwiez li kien temaghhom u cioe' tliet tunellati ta' gwiez. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenut kellu kull opportunita' li jaghmel kontro-talba f'dan is-sens mar-risposta u fir-risposta, l-konvenut qal biss li l-attur kellu jipprova li kien hemm xi ftehim mal-konvenut ghal dan il-hlas.*

*Illi mix-xhieda tal-konvenut it-Tribunal jirrileva illi sema' lill-konvenut jixhed illi l-partijiet kienu ftehmu fuq 25 hanzir biss, izda t-trasferiment kien ghal hamsin majjal. Illi qal ukoll illi dak il-hin ma kienx intebah bid-dikjarazzjoni tal-attur izda tirrizulta fattura fl-ammont ta' hamsin majjal mahruga mill-istess konvenut. Din il-fattura hija datata l-istess gurnata tat-trasferiment, cioe' 24 ta' Jannar 2008, u tindika hamsin (50) hanzir. Qal ukoll illi huwa ma kienx sodisfatt bil-hamsa u ghoxrin (25) hanzir ohra li ha ghaliex ra li kienu morda bil-pulmun. Qal ukoll li kien jaf illi din il-marda ma kinetx titfejjaq izda ma dehrlux li kien hemm bzonn illi jgib veterinarju sabiex jara x'kellhom dawn l-annimali. Qal ukoll illi huwa kien zamm dawn il-majjali separati mill-ohrajn peress illi din il-marda kienet kontagguza. Qal ukoll illi ma kienx gab veterinarju ghaliex l-attur kien ftiehem mieghu li jhallsu ta' kull majjal li jmut u ma riedx jaghmillu azzjoni hazina ghaliex il-veterinarju kien ikollu jirrapurtah.*

*Illi fil-fehma tat-Tribunal, il-verzjonijet tal-partijiet huma ftit li xejn konsistenti izda l-verzjoni tal-attur tirrizulta lit-Tribunal li hija iktar konsistenti minn dik tal-konvenut. Illi min-naha wahda l-attur qieghed jallega hlas ta' €1,200 bhala bilanc minn somma akbar rapprezentanti 50 majjal*

*mibjugha lill-konvenut filwaqt min-naha l-ohra l-konvenut ikkonferma li kien hallsu €2,911 ghal 50 majjal li izda minnhom nofshom kienu mietu konsegwenza ta' mard fil-pulmun li ghalkemm kienet marda kontagguza u terminali xorta wahda ghazel li jixrihom. Illi t-Tribunal ma jifhimx kif il-konvenut ghalkemm kien jaf bil-marda 'terminali' u 'kontaggjuza' xorta wahda hadhom. Illi sussegwentement fil-mori tal-kawza l-konvenut ipprezenta ittra ufficjali lill-attur ghal hlas ta' ta' €2,247 liema ammont jinkludi l-ispejjez ta' tliet tunnellati gwiez li kienu kkunsmaw il-majjali li kienu mietu bejn l-24 ta' Jannar 2008 u l-qatla f'Mejju 2008. Illi skont ix-xhieda tal-President tal-K.I.M., sar trasferiment ta' hamsin (50) majjal bil-kwota f'Jannar 2008 u f'Awwissu gie registrat kreditu fuq il-bilanc tal-kwota ta' Bilocca ta' hamsa u ghoxrin (25) majjal. Dan il-kreditu huwa indikattiv li hamsa u ghoxrin (25) majjal kienu b'xi mod mietu u kien hemm accettazzjoni da parti tal-konvenut, li hekk fil-fatt gara, izda qatt ma ssemmiet xi marda u ghalhekk dan l-ammont gie kreditat fil-bilanc tal-kwota ta' Bilocca bil-kunsens tal-konvenut.*

*It-Tribunal sema' lill-attur jghid illi huwa kien thallas biss elf u erba' mitt ewro (€1,400) appena kkonsenja l-majjali u sussegwentement kien thallas mitejn ewro (€200) ohra izda kien baqalu biss li jithallas elf u mitejn ewro (€1,200) iehor. Illi fil-fehma tal-attur id-dokument AB1, a fol.12, huwa l-uniku dokument bejn il-partijiet, u t-Tribunal m'huwiex daqstant konvint mill-awtenticita' ta' Dok JC1, a fol.44. Illi t-Tribunal ma ra l-ebda dokument bl-ammonti li allega li kien irceva, l-attur u strah biss bil-karta tat-trasferiment ta' hamsin majjal. Illi min-naha tal-konvenut qal illi l-attur kellu bzonn xi flus u ftehmu li l-konvenut jixtri hamsin majjal bil-erba' u ghoxrin liri Maltin (Lm24) ghal kull majjal u skont id-dokument AB1, a fol.12, hekk gara. Izda ghalkemm iffirmat mill-konvenut, huwa qal li ttrasferiment ma sarx quddiemu. Illi l-istess trasferiment kien sar ghal hamsa u ghoxrin (25) majjal fl-24 ta' Jannar 2008 u ghalkemm qal li ma kienx prezenti ghal dan it-trasferiment li minghalih kien biss ghal 25 majjal, il-firma tieghu qieghda hemm. It-Tribunal ghaldaqstant ma jhossx illi l-verzjoni tal-konvenut hija konsistentement veritjiera. Illi t-Tribunal ftit li xejn huwa konvint mill-fattura ezebita, a*

*fol.44, li tindika somma ta' elfejn disa' mija u hdax-il ewro (€2,911) ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija. Din l-ircevuta semmaj kellha tinhareg mill-attur izda l-konvenut kien ghazel li johrogha huwa stess bhala prova li huwa kien ghamel hlas ta' €2,911 ghal hamsin hanzir. Illi normalment il-fattura kellha tinhareg minn min qieghed ibiegh u mhux minn min qieghed ihallas.*

*Illi il-kredibilita' tal-partijiet, fin-nuqqas ta' provi dokumentali cari, hija t' importanza serja u essenzjali ghal soluzzjoni gusta u ekwa tal-vertenza ta' din il-kawza. Illi fuq il-provi migjuba quddiemu, ghalkemm ra li l-attur ma pproduca l-ebda ricevuta ta' kemm thallas, it-Tribunal ghandu dubji serji dwar il-kredibilita' tal-konvenut u l-awtenticita' tad-dokumentazzjoni ezebita mill-istess konvenut. Dan id-dubju huwa affermat mix-xhieda ftit li xejn konvincenti tal-konvenut. Illi d-dokument mahrug fl-24 ta' Jannar 2008 jindika li huwa hallas €2,911 ghal hamsin majjal meta huma ftehmu li kull majjal kellu jinbiegh €56, illi din l-istess Cash Sale/Invoice mahruga mill-konvenut minflok l-attur hija fil-munita Ewro u t-Tribunal ra u sema' lill-partijiet jixhdu biss b'Liri Maltin. Illi meta suppost inharget dik il-Cash Sale/Invoice tal-allegat hlas Malta kienet ghadha kif appena dahlet fl-Ewro Zone. Illi mir-risposta stess tal-konvenut jirrizulta li kien sta ghall-attur li jipprova xi ftiehem. Illi skont it-Tribunal l-attur pprova dan il-ftehim ghaliex qieghed jaghzel li jemmen il-verzjoni tieghu u mhux dik tal-konvenut li ma tantx tirrizulta konvincenti. Illi hija l-fehma tat-Tribunal illi kieku l-konvenut kien hassu aggravat bil-kawza u kif qal huwa stess illi kien l-attur li kellu jaghtih xi flus, it-Tribunal ma jifhimx ghaliex kellu jhalli tmien (8) xhur wara li nfethet il-kawza sabiex jipprezenta ittra ufficjali bl-ammont ta' 25 majjal u tliet tunellati gwiez li kien temgha l-majjali li kienu mietu fi zmien tliet xhur.*

*Illi hija l-konvinzjoni morali tat-Tribunal illi l-verzjoni l-aktar konvincenti hija dik tal-attur minkejja li huwa ma kienx zamm rendikont tal-flejjes li kienu skambjati bejniethom. Illi din il-kawza hija rizultat ta' mankanza ta' kontabilita' serja ta' min qieghed ibiegh. Izda t-Tribunal ghandu*

*jibbaza d-decizjonijiet tieghu fuq il-provi kollha migjuba quddiemu sabiex jevalwa l-vertenza ta' din il-kawza.*

*Illi minhabba dubji serji dwar il-verzjoni tal-konvenut qieghed jemmen il-verzjoni tal-attur. Illi din il-kawza setghet tkun facilmnt evitata li kieku l-partijiet kienu skambjaw ircevuti serji bejniethom. Haga li ma saritx, izda t-Tribunal ma jemminx lill-konvenut li qal illi huwa kien jaf illi l-hniezer li kien xtara mill-attur kienu morda izda xorta wahda xtrahom u hadhom ghalkemm kien jaf illi din il-marda tal-pulmun fil-majjali ma kinetx titfejjaq.*

*Ghaldaqstant it-Tribunal ra li l-attur ipprova l-kaz tieghu u ghalhekk jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur.*

*Spejjez a karigu tal-konvenut.*

Rat ir-rikors tal-Appell ta' Joseph Mary Cardona datat 14 ta' Frar 2011 fejn talab lill-Qorti tichad it-talba tal-attur appellat u tilqa' d-difiza tal-appellant u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-12 ta' Mejju 2011.

Rat ir-risposta tal-Appell ta' Angelico Bilocca, datata 11 ta' Mejju 2011 a fol 20 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-12 ta' Mejju 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehru Dr. Robert Galea u Dr. Joseph Arrigo ghall-appellat, u Dr. Edward Zammit Lewis ghall-appellant prezenti. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-11 ta' Ottubru 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi l-aggravji tal-appellant huma li (a) t-Tribunal la darba sab li kien hemm zewg versjonijiet konfliggenti kellu jiffavorixxi lill-konvenut u hawn semma il-principju *“incumbit probatio ei qui dicat non ei qui dicit”;* (b) jghid li minn qari tas-sentenza tat-Tribunal l-ewwel jinghad li l-attur ma ppruvax il-kaz tieghu u mbaghad jinghad li it-tezi tal-attur hija l-iktar konsistenti miz-zewg versjonijiet moghtija u b’hekk skarta ghal kollox il-principju li min jallega jrid jipprova, u dan ghaliex l-attur, skond l-appellant ma ppruvax il-kaz tieghu – jsostni li mill-provi jirrizulta li ghalkemm sar bejgh ta’ 50 majjal, 25 minnhom kienu mietu u taghhom l-attur kellu jhallas lill-konvenut il-valur tal-istess u l-gwiez li dawn ikkonsmaw (ittra ufficjali datata 21 ta’ Gunju 2010 – fol. 50) u dan il-ftehim gie ikkonfermat mill-President tal-KIM (xhieda datata 11 ta’ Mejju 2010; (c) illi t-Tribunal ghamel apprezzament hazin tal-provi ghaliex ma tax kredibilita’ lid-Dok. “JC 1” (fol. 44) u dan ghaliex ma kienx iffirmat mill-attur, meta lanqas meta l-attur ha lura l-kwota ta’ 25 majjal wkoll ma kienx hemm firma (Dok. “AB 1” – fol. 12); (d) it-Tribunal ma emminx lill-konvenut li kien xtara 25 hanzir li kienu morda, meta mill-provi jirrizulta li l-appellat kien ha 25 majjal lura ghaliex kienu mietu tant li l-kwota giet trasferita lura lill-attur; (e) It-Tribunal kien erronju meta sostna li ma jemminx lill-konvenut ghaliex ma ghamilx kontro-talba, ghaliex hawn kull ma ghamel il-konvenut kien li rriserva l-posizzjoni tieghu u ghalhekk l-appellant qed jghid li *“bil-qawwa kollha tieghu”* qed isostni li t-Tribunal kellhu jasal biss ghad-decizjoni li l-attur ma ppruvax il-kaz tieghu u l-appellant ma ghandu jaghti xejn lill-attur.

Illi l-appell ta’ appellant huwa msejjes sostanzjament fuq l-allegazzjoni li sar apprezzament hazin tal-fatti mill-Ewwel Qorti. Ghalhekk din il-Qorti qeghda tintalab tqanqal l-apprezzament tal-fatti li sar mill-Ewwel Qorti. F’dan ir-rigward, issir riferenza ghas-sentenzi **“Carmel Zammit et vs Anthony Lia”** (A.I.C. (RCP) – 29 ta’ Ottubru 2009) u **“Noel Cutajar vs Graziella Zahra”** (A.I.C. (RCP) – 11 ta’ Ottubru 2011) fejn inghad li sabiex din il-Qorti bhala Qorti ta’ revizjoni tvarja jew thassar il-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti, din ta’ l-ewwel trid tkun sodisfatta illi d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti giet ezercitata manifestament hazin.

F’dan is-sens, hija s-sentenza fl-ismijiet **“Dr. Adrian's Garden Centre Co. Limited vs AX Construction Limited”** (A.C. - 4 ta’ Lulju 2008) fejn il- Qorti rriteniet illi:-

*“Il-Qorti tal-Appell, bhala qorti ta' revizjoni, ma tindahalx in linea ta' massima, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti hlief meta jkun manifestament ezercitat hazin, jew ghal xi motiv iehor gravi u f'materja ta' rilevanza jew superfluwita` ta' xhieda, Qorti tat-tieni grad bhala regola ma tiddisturbax ir-regolament tal-ewwel tribunal, jekk mhux ghal motivi gravi".*

Illi fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **“Phyliss Ebejer et vs Joseph Aquilina”** (A.C. – 10 ta’ Jannar 1995 – Vol. LXXIX.i.248) inghad li l-Qorti tal-Appell tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f’’kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta’ valutazzjoni ta’ fatti. Jinghad li tal-istess portata huma d-decizjonijiet **“Ruth Spiteri vs. Emmanuel Vella”** (A.I.C. – 5 ta’ Marzu 2003) u **“Hilda Debrincrat vs Mario Farrugia** (A.I.C. (Ghawdex) – 14 ta’ Lulju 2004); u **“Joseph Grech Sant vs L-Avukat Dottor Riccardo Farrugia et nomine”** (A.C. – 28 ta’ Frar 1997); u **“Hans Jocham Link et vs Raymond Mercieca”** (A.I.C. – 12 ta’ Jannar 2001).

Illi fis-sentenza **“SMS Insurance Agency Limited nomine vs Air Malta Co. Limited et”** (A.I.C. (RCP) – 28 ta’ Mejju 2009) inghad ukoll li:-
“*gie kostantament ritenut illi l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti ta’ l-ewwel grad ma ghandux normalment jigi ddisturbat minn Qorti ta’ kompetenza superjuri u ghandu jsir biss f’dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali illi jikkonvincu lill-Qorti ta’ revizjoni illi l-apprezzament ta’ l-Ewwel Qorti kien tant zbaljat illi altrimenti tkun ser tigi krejata ingustizzja. Dan ghaliex huwa car li l-Ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tisma’ x-xhieda viva voce u kienet f’qaghda ferm aktar favorevoli biex tifforma opinjoni obbjettivament korretta tal-kredibilita` o meno taghhom. Vantagg li l-Qorti ta’ l-Appell generalment m’ghandhiex.* (ara **“Elena Magri et vs Rosaria sive Rosa Borg”** (A.C. – 10 ta’ Frar 1961); **“Brigitte Vella pro et noe vs Richard Vella”** (A.C. - 5 ta’ Ottubru 2001); **“Carmelo**

**Agius vs John Agius"** (A.C. (Inferjuri) – 2 ta' Dicembru 1994); **"Ruth Spiteri vs Emanuel Vella noe"** (A.I. C. – 5 ta' Marzu 2003) u recentement **"Dr. Adrian's Garden Centre Co. Limited vs A.X. Construction Limited"** (A.C. – 4 ta' Lulju, 2008))".

Illi fil-fatt fis-sentenza **"Brigitte Vella pro et noe vs Richard Vella"** (A.C. - 5 ta' Ottubru 2001) citata mill-appellat inghad li:-

*"Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa' fuq ir-regola "in dubio pro reo". Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghall-izbalji tal-percezzjoni tieghu u ghall passjoni, huwa haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx gej minn semplici differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu certu grad ta' tolleranza u li ghalihom sewwa inghad "tot homines tot sentetiae", u lanqas ma jkun gej minn versjonijiet differenti "bona fide" fuq incidenti li jigru u jintemmu malajr u ghalarieda e.g. identita', velocita' ta' veikoli, u cirkostanzi ohra subitanei li fuqhom skond l-esperjenza komuni, s-sensi jistghu jitqarqu, imma ghall kuntrarju dan dan il-konflitt jkun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setghu gew osservati f'perjodu twil ta' snin bhal f'dan il-kaz, allura isir car li wiehed mill-kontendenti jkun halla l-interess u l-passjoni tieghu jeghlbuh u b'hekk jabbuza mill-process gustizzja. Meta l-kaz ikun hekk il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappotoja tad-dubju, imma ghandha tezimina bl-ikbar reqqa jekk xi wahda mill-versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke jekk fuq bilanc tal-probabilita' u preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall konvinciment tal-gudikant".*

Illi din il-kawza tistrieh biss fuq il-kredibilita' tax-xhieda, fuq l-apprezzament li it-Tribunal ghamel fuq id-deposizzjonijiet tal-kontendenti u x-xhieda minnhom prodotti. Dwar il-provi li ghandu jressaq l-attur din il-Qorti taghmel

referenza ghas-sentenza moghtija min din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **“Joseph Tonna vs Philip Azzopardi”** (A.I.C. (PS) 12 t’April, 2007) fejn inghad illi:

*“In materja ta’ provi, r-regoli l-aktar prevalenti flordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:*

*a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz talprovi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova tal-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta’ l-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5.*

*b) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista’ joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, ‘jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi tal-attur hija sostenuta’ – Ara Vol. XXXVII/i/577;*

*c) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew tal-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

*d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb*

*logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita', kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju* ***Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco*** *– App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)".*

Illi tenut kont ta' dan kollu, u wara li ezaminat l-atti kollha processwali din il-Qorti thoss li l-apprezzament li sar mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Tribunal), kien wiehed li sar skond id-diskrezzjoni moghtija lilu bhala organu gudizzjarju li sema' il-provi, u fil-fatt jirrizulta li l-istess Tribunal mexa sew fuq ir-regoli ta' provi hawn citati u ndikati fil-kawza "**Maria Xuereb et vs Clement Gauci et**" (A.I.C. (P.S.) 24 ta' Marzu 2004) fis-sens li:-

*"Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

*Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u*

*Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibbilta" u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabbiltajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.".*

Illi kif gie dikjarat fis-sentenza **"George Bugeja vs Joseph Meilak"** moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru 2003:-

"*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament*

*jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabbiltajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma.dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli".*

Illi tenut kont ta' dan kollu din il-Qorti thoss li minn qari tad-decizjoni tat-Trinbunal jirrizulta li din sostniet li l-attur pprova l-allegazzjoni tieghu u dan fis-sens li huwa biegh lill-konvenut 50 majjal bil-prezz ta' €55.90 il-wiehed (Lm24) ghall-ammont totali ta' €2,795 li gie rodondat ghall €1,800, li minnhom il-konvenut hallas biss l-ammont ta' €1,600, u ghalhekk baqa' bilanc ta' €1,200, u dan ghaliex sabhet li l-versjoni tieghu kienet iktar kredibbli u verosimili.

Illi jidher car li minn naha l-ohra hija ma emnitx it-tezi tal-konvenut, li sostna li huwa kien ftiehem li jixtri biss 25 majjal, izda meta mar ghall-konsenja sab li l-attur kien tah 50, u sostna li t-tieni 25 majjal li kien qed jigi mhajjar jixtri, dehru li ma kienux b'sahhithom, izda l-konvenut jghid li xorta hadhom u hallas mill-ewwel kollox lill-attur, fl-ammont ta' €2,911 (Dok. "JC 1"), u jghid li ftiehem mal-attur, li jekk imutu l-majjali minn dawn li kienu morda, l-attur kellu jtieh mhux biss il-prezz ta' kull wiehed lura, izda wkoll il-gwiez li jkun uza sakemm mietu.

Illi l-istess konvenut jallega li fil-fatt dawn it-tieni 25 majjal mietu kollha u allura huwa huwa li ghandu jiehu li minghand l-attur is-somma ta' €2,247 skond ittra ufficjali datata 21 ta' Gunju 2010 (fol. 50) li huwa pprezenta fil-mori ta' din il-kawza, u din il-Qorti thoss li tenut kont tal-provi prezentati, l-versjoni tal-attur giet ippruvata ghaliex certament li l-kunteggi minnu maghmula jaqblu ma' dak li dwaru xehdu iz-zewg partijiet bhala l-prezz tal-istess 50 majjal, mentri jidher li l-versjoni tal-konvenut hija inverosimili u nkonsistenti u dan ghaliex (a) jidher li qed jallega li hallas is-somma ta' €2,911 li hija iktar mill-prezz

miftiehem; (b) li minkejja li qal li induna mill-ewwel li t-tieni 25 majjal kienu morda huwa xorta hadhom; (c) dan huwa iktar inkredibbli meta sostna li l-ftehim originali kien ghall bejgh ta' 25 majjal u minflok l-attur bhal ipprofitta ruhu u ried jikkonsenjalu 25 ohra – li huwa accetta minkejja li jghid li nduna dwar l-istat hazin taghhom; (d) ma hemm ebda prova li dawn mietu, u jekk ghall-grazzja tal-argument jinghad li mietu bil-mod li sostna l-istess konvenut, huwa misteru allura kif huwa naqas li jagixxi sabiex jithallas somma sostanzjali ta' €2,247, tant li jidher li ghalkemm il-bejgh sar fl-24 ta' Jannar 2008, kien biss wara l-prezentat ta' din il-kawza kontra tieghu li huwa pprezenta ittra ufficjali iktar minn sentejn wara u precisament fil-21 ta' Gunju 2010.

Illi huma dawn il-konsiderazzjonijiet li t-Tribunal jirrizulta li ghamel meta ha d-decizjoni sabiex wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu, konsiderazzjonijiet li minkejja l-lingwagg iebes uzat mill-appellanti fl-appell tieghu, l-istess appellant naqas li jsemmi u fil-verita' ma ghandux risposta ghalihom, u fil-kuntest ta' dan kollu jidher li t-Tribunal uza u applika sew il-principju li min jallega jrid jipprova, b'dan li sab li l-attur pprova l-allegazzjonijiet tieghu, mentri l-appellant, konvenut fil-kawza, naqas li jaghmel dan, anke ghaliex l-allegazjonijiet tieghu, mhux biss kienu kontradittorji, izda wkoll f'hafna aspetti mhux kredibbli, u fil-verita' inverosimili ghall-ahhar, specjalment minn persuna tal-mestier u li tifhem f'xogholha. Jinghad ukoll li ma hemm l-ebda inkonsistenzi jew kontradizzjonijiet fid-decizjoni moghtija, u ghalhekk l-appell tal-appellanti kif impost qed jigi michud ghaliex kompletament bla bazi.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta' tal-appell tal-appellat Angelico Bilocca datata 11 ta' Mejju 2011 in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellant Joseph Mary Cardona tal-14 ta' Frar 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt, u b'hekk tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar "Angelico Bilocca vs**

**Joseph Mary Cardona" datata 28 ta' Jannar 2011 (Avviz Numru 967/09MK) ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

**Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti Joseph Mary Cardona.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------